**KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL**

*Labor Ante Omnia*

Triq Sannat
Ta' Sannat, SNT 9020
Għawdex, Malta

Tel: 00356 21554747
Fax: 00356 21563535
email: sannat.lc@gov.mt
http://www.sannat.gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Laqgħa Nru. 50 - 2016

Data: 13 ta' Gunju 2016

Hin: 2.10 p.m.

Post: Sala tal-laqgħat tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

---

Preżenti:

Philip Vella – *Sindku*
Frances Galea – *Viċi Sindku*
Joseph Bajada – *Kunsillier*
Maria Cassar Sultana – *Kunsilliera*
Margaret Said – *Kunsilliera*

Kasy Mercieca – *Ambaxxatur għaż-żgħażagħ (Assenti)*

Jason Curmi – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: 0

Assenti: 0

---

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 49/2016;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
5. Ilmenti u Suġġerimenti;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

## Minuti – 50 - 2016

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 49 – 2016

**1.1** Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 49 – 2016, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Approvazzjoni tal-Minuti 49-8

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-pre-call ta' Priority Axis 5 – Protecting our environmwnt – investing in natural and cultural assets li l-Kunsill applika il-Project Brief għall-pompa tal-ilma l-qadima fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini li din tinsab abbadunata f'dan il-wied u li din l-applikazzjoni qed tiġi vvalutata mill-PCCD biex jekk din tintgħażel nkunu nistgħu napplikaw applikazzjoni ġdida għal fondi. Dwar l-Indicative Budget għal dan ir-restawr ta' din l-istruttura ġie stmat mill-Perit tal-Kunsill is-somma ta' €495,600 li jikkonsisti: Pre-call ta' Priority Axis 5 Project Brief – Pompa l-qadima tal-ilma fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini

1. Restawr tal-istruttura tal-pompa minn barra u minn ġewwa;
2. Restawr tal-parti li għad fadal tal-mekkaniżmu f'din il-pompa;
3. Installazzjoni ta lift għal-passiġieri;
4. Restawr tal-bażi fil-wied;
5. Passaġġ aċċessibli mill-bajja ta' Mġarr ix-Xini.

Dwar din il-Project Brief Application kien hemm għajnuna kbira mis-Sur George Azzopardi u mill-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-fondi ser ikunu maqsuma 80% mill-Unjoni Ewropeja u 20% mill-Kunsill. Dwar l-ammont ta' 20% mill-Kunsill, il-Kunsill ma għandux dan l-ammont u għalhekk is-Sindku qal li hu għamel kuntatt b'laqghat apposta mall-Ministeru tal-Finanzi fejn qal li nfurmawh li hemm il-cofinancing fund u mill-ispecial funds, biss li l-capping hu ta' mhux aktar minn €50,000 u li dan l-ammont ma jistgħax jinqabeż. Għalhekk hu qal li talab laqgħa mall-Ministeru għat-Turiżmu fejn dawn raw li l-applikazzjoni għal dan il-proġett u li dawn qalu li hu wieħed interessanti u għalhekk s-Sindku reġa talab laqgħa oħra magħhom għal dan il-għan. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mall-Land Dept. dwar id-devoluzzjoni ta dan is-sit. Hu qal li saret letter of intent biex il-Kunsill jkun jista japplika peress li d-devoluzzjoni jieħu ż-żmien. Is-Sindku qal li talab laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Stefan Buontempo dwar din l-applikazzjoni u laqgħa oħra mad-Direttur għall-Gvern Lokali dwar dawn il-fondi rikjesti.

***Fis-2.20 p.m. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana daħlet għal-laqgħa.***

**2.2** Is-Sindku qal li dwar ir-Referendum fuq l-applikazzjoni mall-Awtorita' tal-Ippjanar bin-Nru. PA 05277/96: Żvilupp tal-ewwel heritage park f'Malta fiż-żona Ta' Ċenċ u żvilupp turistiku ta' lukanda multi-ownership, liema applikazzjoni sejra tkun deċiża mill-istess Awtorita fix-xhur li ġejjin, il-Kunsill bagħat ittra bi specimen tal-ballot paper kemm bil-malti u bl-ingliż Referendum – Ta' Ċenċ

lir-residenti Ta' Sannat f'kull residenża permezz tal-posta u li dan ir-referendum ser isir nhar is-Sibt 18 ta' Ġunju 2016 mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m. bla waqfien. Ġiet mitluba u milqugħa l-għajnuna ta' uffiċjali esperti fil-qasam tal-elezzjonijiet u dik tal-Korp tal-Pulizija fejn ser ikunu preżenti waqt dawn il-ħinijiet u fil-post dakinahar għal dan ir-referdum. Il-Viċi Sindku għamlet dikjarazzjoni fejn qalet li kieku l-Kunsill kellu jiddeċiedi hu u li se jittieħet vot hi kienet tiddikjara kunflitt ta' interess. Is-Sindku qal li din hi demokrazzji diretta u għalhekk se jsir dan ir-referendum biex b'hekk il-Kunsill se jaqbel ma dak ir-riżultat finali ta' nhar is-Sibt li ġej.

**2.3** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-patching ta' ħofor perikolużi u fondi fil-bidu tat-Triq ta' Mġarr ix-Xini sar bil-konkos. Patching Triq Mġarr ix-Xini

**2.4** Dwar il-Kuntratt SNT01/2016: Resurfacing of Triq Skerla, Ta' Sannat with Hot Rolled Asphalt, s-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li dwar l-għoti bit-tarmak ta Triq Skerla, l-Perit tal-Kunsill ta' l-Bill of Quantities kif imkejjel minnhu biex dan jiġi nfilżat mall-kuntratt. Is-somma għal din it-triq, il-Perti qal li se tiġi tiswa lill-Kunsill €88,818.83, dan apparti x-xogħolijiet li jridu jsiru mill-Water Services Corportation għal water house connection services ġodda li l-Kunsill irid iħallas madwar €6047.48 u l-Korporazzjoni tal-Ilma ser toħroġ l-ammont ta' €4499.95. Il-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd irid jgħamel garanzija bankarja ta' €3555 skond l-offerta qabel jiġi ffirmat l-kuntratt. Is-Segretarju kien ġibed l-attenzjoni li għal din it-triq il-Kunsill kien ivvota l-ammont ta' €50000 fil-badġit ta' din is-sena, għalhekk hu flimkien mas-Sindku talbu laqgħa mall-Kuntrattur fejn fil-kuntratt ser jiġi mniżżel li din it-triq ser titħallas fi tlett snin. Huma qalu li dwar dan kien hemm qbil mill-Kuntrattur. Il-Kunsill qabel ma dan. Kuntratt 01/2016 Resurfacing of Triq Skerla

**2.5** Is-Sindku qal li dwar il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Tal-Gruwa dawn qed jinbnew mill-kuntrattur mqabbad mid-dipartiment tal-Eco Gozo (MGOZ), meta dawn ikunu lesti tingħata t-tieni kisja lil din it-Triq u b'hekk tkun lesta. Water culvert Triq tal-Gruwa

**2.6** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa mal-istreet Hawkers li ser jarmaw fil-festa ta' Santa Margerita ser isir nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju fl-4.00 p.m. fejn ser jiġu nfurmati dwar l-ispejjes tat-tindif fil-ġranet tal-festa u li ser jintalab €50 għal dan il-għan. Is-Sindku stieden lill-Kunsillieri biex ikunu preżenti. Laqgħa hawkers fil-festa ta' Santa Margerita

**2.7** Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd 5 ta' Ġunju saret il-MotorFest 2016 b'risq Puttinu Cares. Il-parteċipanti ġew preżentati mugs bil-logo u disinn ta dan l-avveniment. Is-somma miġbura b'risq Puttinu Cares kienet ta' €1036.30c. MotorFest 2016

**2.8** Is-Sindku qal li nhar is-7 ta' Ġunju 2016 Festa Pubblika, l-Kunsill kien mistieden minn Valletta 18 biex flimkien jorganizzaw mawra f'Malta u min jattendi jara l-ispettaklu bl-isem *The Valletta Pagent of The Seas* fil-Port il-Kbir. Għal din l-attivita' kienu mistiedna l-persuni 'l fuq minn 60 sena u attendew aktar minn 30 persuna. It-transport kollu minn Għawdex għal Malta kien provdut b'xejn minn Valletta 18. Kull min mar qal li ha pjaċir bl-ispettaklu fuq il-baħar li kien hemm. Il-Kunsilliera Magaret Said attendiet ukoll ma dawn l-anzjani u ħadet ħsieb dakinhar. The Valletta Pagent of The Seas

**2.9** Id-DLG infurmana li mill-iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għall-2016 (Memo 30/2015) dwar id-Dramm ta' New Caledonia l-Kunsill ma bbenefikax għal din l-attivita' peress li fil-fehma tal-bord l-applikazzjoni ma kinitx qed tippromuovi l-linji ġenerali li jappoġġjaw il-programm kulturali tal-Valletta 2018.

Inizjattivi ta' Attivajiet Kulturali għall-2016

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva financial correction ta €21858.02 fuq Axis 3 – M313 fuq Il-Ġnien tal-Bidwi u €10321.74 fuq Axis 3 M323 fuq il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Pinnur. Dwar dan saret laqgħa apposta nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju 2016 l-għada li l-Kunsill irċieva din il-korrispondenza. Il-Kunsill għandu jikteb dwar dan.

Financial Correction M323 M313

**3.2** Is-Sindku semmha l-attivita' ta' Miss Sannatin u l-fashion show li din għandha issir f' Settembru. Hu qal li minn fuq inizjattiva tiegħu personali Miss Sannateen minn l-ewwel Miss Sannatin li kienet saret sa llum il-ġurnata, rebbieħa minnhom din is-sena ser tikkompeti għal Miss World Malta. Għalhekk hu talab lill-Kunsilliera Maria Cassar Sultana biex tiġi organizzata laqgħa apposta dwar din l-attivita' u l-fashion show.

Miss Sannateen u l-Fashion Show 2016

**3.3** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġejna nfurmati biex f' Ta' Sannat nhar Il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu 2016 fi Triq 28 t' April 1688 issir attivita' bil-kollaborazzjoni ta' organizzaturi bl-isem Gozo for ALS. Għal dan il-għan ser tittella' attivita' fir-raħal tagħna u l-Kunsill ġie mitlub li jipprovdi l-għajnuna tal-Korp tal-Pulizijia, palk mill-Kultura u siġġijiet. Waqt din l-attivita' jistgħu jitħallew jarmaw stands tal-ikel, u kotba. Din l-attivita' ser tkun tikkonsisti fi drama, żfin u kant fejn dawk li se jiġu se jgħatu l-ispettaklu tagħhom b'xejn. Dak inhar stess isir l-Giochi senza frontieri bil-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ Ta' Sannat.

Attivita' b'risq ALS Malta

**3.4** Is-Sindku qal li l-Gozo Creative Theater Club u Fondazzjoni Santa Cecilja ser itellgħu 1551 in Concert fejn din l-attivita' ser tittelgħa nhar it-30 ta' Lulju 2016, fil-Foss tac-Cittadella. Waqt din l-attivita' ser jipparteċipaw Is-Sinnet Folk Group u Ta' Seguna Flok Group. Dwan iż-żewġ entitatjiet qed jitolbu li l-Kunsill jipprovdi transport minn Ta' Sannat u lura u light refreshements.

Attivita' fil-Foss taċ-Ċittadella - 1551 in Concert

**3.5** Is-Sindku nforma li llum stess l-Kunsill ġie nfurmat li kien ibbenefika minn €7,500 Fondi Ewropej tal-ġemellaġġ ma' Montefiascone u li fil-lista tar-riżultat il-Kunsill jinsab fit-tieni post minn madwar l-Ewropa kollha. Huwa qal li ser jgħamel kuntatt mas-Sindku l-ġdid biex dan l-avveniment jitwettaq skond l-applikazzjoni. Il-Kunsill fl-applikazzjoni kien talab 43 persuna minn Montefiascone biex iżuru lir-raħal Ta' Sannat għal erbgħa t'iljieli fejn f'dawn il-ħames t'ijiem jitwettaq dak li tniżżel fl-applikazzjoni bil-programm bl-isem *Democratic engagement and civic participation.*

Ġemellaġġ ma' Montefiascone – Fondi Ewropej

# 4. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**4.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra tar-risposta lill-Awditur għas-sena 2015. Din ġiet ċċirkulata lill-Kunsillieri permezz ta' imjel minn qabel. Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jibgħat din ir-risposta matul din il-ġimgħa biex tasal fil-ħin.

Risposta – Ittra lill-Awditur

**4.2** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kwotazzjoni tat-tindif u manutensjoni tal-latrina pubblika fi Triq Sannat ser toħroġ fil-jiem li ġejjin biex sa laqgħa oħra l-Kunsill ikun jista jgħażel kuntrattur li jwettaq dan ix-xogħol rikjest.

Kwotazzjoni tat-tindif tal-latrina pubblika Triq Sannat

**4.3** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li saret laqgħa nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju 2016 mall-Waste Serv dwar il-proġett pilota li se jsir f'Għawdex dwar il-ġbir tal-iskart organiku. Waqt din il-laqgħa li saret fil-Kunsill fejn attenda hu ġie spjegat kif ser jiġu nfurmati ir-residenti dwar dan il-ġbir. Dan il-ġbir ser jibda jsir mit-30 ta' Settembru li ġej. Għalhekk issa l-iskart domestiku ser jibda jinġabar hekk:

1. Dak Oganiku kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt
2. Dak Reċiklabbli kull nhar ta' Tlieta
3. Skart ieħor kull nhar ta' Tnejn u s-Sibt
4. Il-Ħġieġ kull l-ewwel Ħamis ta kull Xahar

Huma talbu li t-3 tabelli li hemm fir-raħal dwar dan, fejn il-bring in site jinbidlu u jsiru aktar viżivi tas-servizz li joffri l-Kunsill. Il-Kumpanija Waste Serv ser terġa titla' Għawdex fejn ser isir laqgħa oħra apposta dwar dan.

Ġbir ta' skart organiku minn Settembru 2016

**4.4** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva ittra u li din iċċirkula lill-Kunsillieri, mill-Valletta 18 fejn infurmatna li tixitieq torganizza attivita waħda fl-istess ħin u data f'Malta u f'Għawdex bl-isem L-ikla it-tajba. Għalhekk hu talab lill-Kunsill biex jinforma lill-għaqdiet tar-raħal biex jara min hu nteressat. Is-Sindku u l-Kunsillier Bajada ssuġerew li dawn għandhom ikellmu lill-Għaqda tan-Nar tar-raħal biex jaraw humiex interessati f'dan avveniment peress li ġieli organizzaw attivitajiet simili.

Valletta 18
L-ikla t-tajba

**4.5** Is-Segretarju qal li irċieva rapport mingħand Galea Curmi Engineering dwar il-pannelli li hemm fuq il-bejt tal-Kunsill. Dawn qalu li dawn iridu jinddafu aktar spiss. Il-Kunsill qabel li ser iqabbad lill-ħaddiema li għandu biex jgħamlu dan ix-xogħol.

Rapport – Panelli fuq il-bejt tal-Kunsill

**4.6** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Parroċċa talbet l-ittra għas-Supreditendent tal-Pulizija biex issir l-Festa f' Lulju. Din saret minnhu.

Festa Santa Margerita 2016

**4.7** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għandu Direttur ġdid u li l-Memo's li konna nirċievu qabel se jinqassmu f'Direttivi u f'Ċirkularitajiet. Għalhekk is-Segretarju fakkar f'dawn id-Direttivi u Ċirkularitajiet li rċieva riċenti u li hu ċċirkula lill-Kunsillieri. Dawn huma:

Ġirkularijiet u Direttivi mid-DLG

Ċirkularijiet Nru 1/2016 – Effiċjenza fil-komunikazzjoni

Ċirkularijiet Nru 2/2016 – Permessi għall-Ħatt ta' Merkanzija minn fuq it-trailers

Direttiva Numru 1/2016 - Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (Electronic Public Procurement System – EPPS)

## 5. Ilmenti u Suġġerimenti

Ilmenti u suġġerimenti

**5.1** Is-Sindku ssuġġerixxa li bħal dawn l-aħħar snin matul il-weekend tal-festa l-Kunsill għandu jordna żewġ portable public conveniences wieħed għall-irġiel u l-ieħor għan-nisa fuq wara tal-planċier fil-Pjazza Santa Margerita. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

**5.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva imejl minghand il-Perit Joseph P Dimech dwar korrispondenza li kien bgħat 2012 u fl-2013 dwar twessieħ ta' Triq Xamgħan. Dan ġie mitlub mis-Segretarju Eżekuttiv biex jibgħat kopji ta dawn l-ittri.

**5.3** Xi residenti minn Triq Pisoniano qed jissugerixxu biex isir garbage hanger fi Triq għaliex iż-żibel li qed joħorġu r-residenti qed jispiċċa jitqatta minn xi-klieb. Is-Sindku semmha li bħal din hemm bżonn li teħħel oħra fi Triq il-Falkun. Il-Kunsill qabel li dawn isiru.

**5.4** Il-Kunsill ircieva rapport minn T.M. dwar disabled reserved parking bay fi Triq ix-Xabbata. Il-Kunsill qabel li jsir dan.

**5.5** Residenta minn Triq il-Kbira qed tilmenta li hemm ħofra perikoluża fi triq. Din il-ħofra żviluppat wara li xi snin ilu saret trinka tad-drenagg u li ix-xoghol ma kienx sar sewwa. Il-Kunsill qabel li din il-ħofra tiġi asfaltata.

**5.6** Is-Sur Mark Curmi qed jitlob li quddiem il-bini tiegħu fi Triq Ta' Ċenċ issir bankina ġdida. Il-Kunsill ġa nforma b'dan il-MGOZ bis-sistema tal-Customer Care.

**5.7** L-Arċipriet qed jitlob li ssir bankina quddiem il-Kappella tal-Ewkaristija b'materjal ta' kwalita'. Il-Kunsill ser jara jekk il-MGOZ jipprovdix 8 metri madum tat-tip porfido u l-kurduna u x-xogħol jsir mill-Kuntrattur tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil.

**5.8** Is-Sinjura Erminia Machoey ta' Triq il-Kbira qed tilmenta li fejn id-dar tagħha hemm farmhouse b'Nru 84 li fiha pool u li tinsab abbandunata u li f'din l-propjeta' qed jabitaw ukoll xi ħamiem abbandunat li qed iħammeġ fil-madwar. Hi qalet li l-pool fiha ilma ikkontaminat li dan jista jġib il-mard. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ħa l-passi neċessarji u nforma lid-Dipartiment tas-Sanita' biex jinvestigaw il-każ.

**5.9** Is-Sur Salvu Portelli ġie il-Kunsill jilmenta fuq ilment li qal li kien għamel dwar Triq l-20 ta' Lulju fejn hemm ħofor kbar u perikolużi u li dawn ghandhom bżonn il-patching mill-aktar fis. Il-Kunsill qabel li jingħata l-patching neċessarju f'din it-triq.

**5.10** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni biex Triq Dun Xand Aquilina minn naħa tal-

Viġarju Ġenerali ta' Għawdex fuq in-naħa ta' Rosanna Galea jeħlu it-tabelli No Entry u jinżebgħu d-double yellow lines. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 6. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 6/2016 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti. Pagamenti

## 7. Aġġornament.

**7.1** Il-laqgħa ntemmet fl-3.45 p.m. u ġiet aġġornata għal laqgħa oħra nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2016, fis-1.30 p.m. Aġġornament

**(iffirmata)**

***Philip Vella***
*Sindku*

**(iffirmata)**

***Jason Curmi***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: